Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

Minuti

L-Għaxar Leġislatura

Laqgħa numru 41

17:30 pm 29 ta' Settembru 2026

Preżenti

Is-Sur Luke Farrugia	**Sindku**
Is-Sinjura Gloria Aquilina	Kunsillier
Is-Sur Joseph Scerri	Kunsillier
Is-Sur Joseph Cachia	Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer	Kunsillier
Is-Sur Anthony Meilak	Kunsillier

Assenti

Is-Sur Josef Azzopardi	Viċi- Sindku

Uffiċċjal Preżenti

Robert Buhagiar - Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30pm).

41.1 Qari tal-ittri t'apoloġija

Ma kienx hemm

41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

41.2.1 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 40 , liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

41.2.2 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 40

Il-Kunsillier Joseph Cachia ssekonda. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

41.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku
Xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq Żerafa, Triq il-Farfett u Triq id-Dawl

41.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għax-Xogħolijiet Pubbliċi ser jibda xogħol ta' bdil u manutenzjoni tal-bankini fi Triq Żerafa, Triq il-Farfett,T riq id-Dawl u Triq is-Sebħ. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll dwar it-toroq li fihom huwa ppjanat li fihom isir ix-xogħol tat-tarmak li huma Triq il-Pitkali, Triq Assunta.

41.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, flimkien mal-Kunsillier Dominic Spencer, kellu laqgħa mal-Ambaxxata Taljana sabiex jiġu diskussi u mibdija l-proċeduri relatati mal-Expression of Interest, bil-għan li l-Kunsill Lokali jkun jista' jidħol f'ġemellaġġ ma' belt fl-Italja.

41.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

41.4.1 l-Kunsilliera Gloria Aquilina semmiet li s-sena l-oħra, qabel il-perjodu tas- sajf, kienet ressqet mistoqsija dwar il-gutter fi Triq Azzopardi. Il-Kunsilliera staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi żviluppi dwar dan ix-xogħol.

41.4.2 Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet bejn żewġ entitajiet tal-Gvern sabiex jiġi miftiehem li x-xogħol isir minn entità waħda, b'mod koordinat u fl-istess ħin.

41.4.3 l-Kunsillier Anthony Meilak semma li hemm diversi żoni fejn is-servizz tal-knies mhux qed isir b'mod regolari. Wara diskussjoni dwar it-tħassib relatat mas-sitwazzjoni tal-knies, ġie propost li ssir laqgħa mal-Cleansing Division sabiex jiġi diskuss u ċċarat l-arranġament eżistenti, inkluż il-Memorandum of Understanding (MOU).

41.4.4 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa mad-Dipartiment sabiex jiġu diskussi dawn il-kwistjonijiet u jiġi ċċarat is-servizz li qed jingħat.

41.4.5 l-Kunsillier Joseph Cachia staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-pitch. Is-Sindku wieġeb li ser jiltaqa' mar-rappreżentanti tal-Lands Authority sabiex tinkiseb kjarifika uffiċjali bil-miktub dwar is-sjd tal-art u ta' min tappartjeni.

41.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti 09/2026

41.5.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-pagamenti 09/2026 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-mozzjoni ġiet sekondat mill-Kunsilliera Gloria Aquilina. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

41.6 Deċizjoni tal-Bord dwar l-ingaġġ -Segretarju Eżekuttiv / Impjegat/a skala 15

41.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport dwar is-sejħa għall-post ta' Clerk fuq Skala 15. Il-Board irrakkomanda lill-Kunsill li s-sejħa terġa' tinħareġ fuq bażi esterna, peress li l-kandidati li ġew intervistati ma ssodisfawx il-kriterji meħtieġa.

41.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li, fir-rigward tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv, ma kien hemm l-ebda interess mill-kandidati proposti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Amministrazzjoni kienet bagħtet għall-kandidati, fuq rakkomandazzjoni tad-Dipartiment, iżda ma kien hemm l-ebda kandidat li esprima interess għall-pożizzjoni.

41.7 Ħruġ ta' Tender – Maintenance of Pavement and patching works in Marsa

41.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dalwaqt ser tinħareġ is-sejħa għall-offerti (tender) imsemmija hawn fuq. Il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa għall-offerti.

41.8 Skart fi Triq il-Għabex – Ittra lir-residenti

41.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq l-Għabex dwar ir-regolamenti relatati mal-ħruġ tal-iskart, skont kif stipulat fil-liġi. Il-Kunsill qabel unanimament.

41.9 Skart fi Triq il-Jum – Ittra lir-residenti

41.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Jum dwar ir-regolamenti relatati mal-ħruġ tal-iskart, skont kif stipulat fil-liġi. Il-Kunsill qabel unanimament.

41.10 Skart fi Triq Mattew Callus – Ittra lir-residenti

41.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq Mattew Callus dwar ir-regolamenti relatati mal-ħruġ tal-iskart, skont kif stipulat fil-liġi. Il-Kunsill qabel unanimament

41.11 Parkeġġ għar-residenti fi Triq il-Ħaddiem

41.11.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-pjan imħejji mill-Perit fir-rigward tal-iskema ta' Residential Parking fi Triq il-Ħaddiem. Is-Sindku ressaq din il-proposta sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-ħinijiet li matulhom għandu jkun permess il-parkeġġ f'din iż-żona.

41.11.2 Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li għandha titħejja proposta li tkopri l-lokalità kollha tal-Marsa, u li jiġi mqabbad espert sabiex jiġi studjat u ppreparat pjan komprensiv għall-implimentazzjoni ta' Residential Parking f'żoni differenti tal-lokalità.

41.11.3 Il-Kunsill qabel ukoll li, bħala l-ewwel pass, tintbagħat talba lil Transport Malta sabiex jiġi kkonfermat jekk, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, huwiex possibbli li tiġi introdotta skema ta' Residential Parking fil-lokalità.

41.12 Jum il-Marsa – Data u programm

41.12.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-programm propost għall-attivitajiet ta' Jum il-Marsa. Is-Sindku spjega li, din is-sena, minħabba li ż-Żuntier tal-Knisja tat-Trinità jinsab fi stat li ma jippermettix li l-attività ssir hemmhekk, ġie propost li l-attività ssir fil-Knisja ta' Marija Regina.

41.12.2 Il-programm propost kien jinkludi mixja minn pjazza G.F Abela sal-Knisja ta' Marija Regina, akkumpanjata mill-Scouts, segwita minn Quddiesa u ċerimonja tal-għoti tal-Ġieħ il-Marsa fl-istess Knisja.

41.12.3 Wara diskussjoni twila u kostruttiva, l-Kunsill, b'ħames voti favur tal-kunsilliera Gloria Aquillina, Joseph Scerri, Dominic Spencer , Anthony Meilaq , Joseph Cachia u vot wieħed kontra ta'Sindku ddeċieda li, fl-okkażjoni ta' Jum il-Marsa fis-17 ta' Jannar 2027, issir mixja mill-Pjazza G.F.Abela sal-knisja akkumpanjata mill-Scouts u quddiesa fil-knisja tat-Trinita'. Wara, iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Ġieħ il-Marsa ssir fil-bini tal-Kunsill Lokali. fejn jingħata Ġieħ il-Marsa lil persuna waħda, filwaqt li lill-persuni l-oħra magħżula jingħataw Ċertifikat ta' Rikkoniximent.

41.12.4 Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li jsir votazzjoni sigrieta dwar in-nominazzjonijiet għall-għoti tal-Ġieħ il-Marsa, u li l-voti jinfetħu u jiġu magħduda dakinhar taċ-ċerimonja. l-Kunsillier Dominic Spencer għamel rimarka li għandu jinżamm reġistru ta min jingħata gieħ il-Marsa.

Il-Kunsill qabel ma din il-mozzjoni.

41.13 Aġġornament tal-by-law u avviżi

41.13.1 Is-Sindku ppropona li jiġu riveduti u emendati l-by-laws fis-seħħ li jirregolaw ir-reklamar fuq il-billboards, partikolarment fir-rigward tar-rati applikabbli, fid-dawl tal-fatt li r-rati kurrenti huma meqjusa baxxi u ma jirriflettux il-livelli ta' ħlas li għandhom japplikaw.

41.13.2 Għaldaqstant, is-Sindku ppreżenta lill-Kunsill proposta għal reviżjoni tar-rati relatati mar-reklamar fuq il-billboards, kif imniżżla fl-iskeda ppreżentata lill-Kunsill.

41.13.3 Wara li ġiet ikkunsidrata l-proposta, il-Kunsill qabel li r-rati riveduti jiġu sottomessi lid-Dipartiment kompetenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni meħtieġa, skont il-proċeduri u r-rekwiżiti applikabbli.

41.13.4 Il-Kunsill qabel ukoll li, suġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti, jinħareġ l-avviż uffiċjali meħtieġ sabiex ir-rati l-ġodda jidħlu fis-seħħ u jkunu applikabbli għar-reklamar fuq il-billboards, skont id-dispożizzjonijiet legali u regolatorji applikabbli.

41.14 Bollards għas-sigurtà

41.14.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill diversi ritratti u proposta preliminari dwar l-installazzjoni ta' bollards tas-sigurtà f'diversi postijiet madwar il-Marsa, bil-għan li tittejjeb is-sigurtà u l-infrastruttura urbana fil-lokalità.

41.14.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkunsidra waħda miż-żewġ għażliet li ġejjin:

41.14.3 L-ewwel għażla: li l-infrastruttura u l-installazzjoni tal-bollards jiġu ffinanzjati direttament mill-Kunsill, filwaqt li d-drittijiet u d-dħul relatati mar-reklamar li jkun permess fuq l-istess bollards jiġu miġbura mill-Kunsill, skont il-kundizzjonijiet u r-rati li jiġu stabbiliti mill-Kunsill u approvati fejn meħtieġ.

41.14.4 It-tieni għażla: li l-Kunsill joħroġ sejħa pubblika jew proċess kompetittiv, skont il-proċeduri applikabbli, sabiex operatur jew entità interessata tkun tista' tiffinanzja u twettaq l-infrastruttura u l-installazzjoni tal-bollards kollha, inkluż l-ispejjeż relatati magħhom, bi dritt li żżomm id-dħul kollu ġġenerat mir-reklamar fuq l-istess bollards, suġġett għat-termini, kundizzjonijiet u awtorizzazzjonijiet li jiġu stabbiliti mill-Kunsill u mill-awtoritajiet kompetenti.

41.14.5 Il-Kunsill ħa nota tal-proposta u qabel li l-għażliet imsemmija jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-ispejjeż involuti, il-vijabbiltà tal-proġett u l-proċeduri legali u amministrattivi applikabbli.

41.15 Ħotob għat-tnaqqis tal-veloċità fi Triq Isouard

41.15.1 Is-Sindku ressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill abbozz ta' ittra li għandha tintbagħat lir-residenti ta' Triq Isourd, fir-rigward tal-proposta għall-installazzjoni ta' **Ħotob** f'din it-triq.

41.15.2 Il-proposta qed titressaq bil-għan li titnaqqas il-veloċità tal-vetturi li jgħaddu minn din it-triq u, b'hekk, tissaħħaħ is-sigurtà tat-traffiku u dik tar-residenti u tal-utenti l-oħra tat-triq.

41.15.3 Il-Kunsill ħa nota tal-proposta u qabel li l-ittra tintbagħat lir-residenti kkonċernati sabiex jiġu nfurmati dwar il-proposta u, fejn applikabbli, sabiex tingħata l-opportunità li jsiru l-kummenti jew osservazzjonijiet tagħhom.

41.15.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għall-vot, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Scerri. Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur, astensjoni mill-Kunsilliera Gloria Aquillina u vot kontra mill-Kunsillier Dominic Spencer.

41.16 Aġġornament dwar l-attività bil-ferrovija

41.16.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar tibdil fil-programm tal-attività kulturali tal-ferrovija. Huwa spjega li, peress li mhux possibbli li jiġi pprovdut trasport permezz tal-ferrovija, it-trasport ser isir permezz ta' minibuses.

41.16.2 Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li kull għaqda ser tirċievi notifika mill-Kunsill sabiex tkun tista' tipparteċipa f'din l-attività.

41.16.3 Il-Kunsillier Joseph Scerri ppropona li l-għaqdiet li ser jieħdu sehem fl-attività jingħataw linji gwida ċari dwar kif għandhom jarmaw u x'għandhom jagħmlu matul l-attività, sabiex ikun hemm standard uniformi għall-għaqdiet parteċipanti kollha.. Is-Sindku sekonda lis- Sur Joseph Scerri ,l-Kunsill qabel unaninmament.

41.17 Proċedura għall-qbid u l-kontroll tal-ħamiem.

41.17.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, wara komunikat mill-AKL dwar il-qbid tal-ħamiem u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti sabiex dan isir b'mod regolari, il-Kunsill irċieva komunikat ieħor mingħand kumpanija li laħqet tip ta' ftehim mal-AKL fir-rigward ta' gaġeġ standard li jistgħu jintużaw għall-qbid tal-ħamiem.

41.17.2 Is-Sindku spjega li dawn il-gaġeġ jiswew €45 kull waħda, VAT inkluża, jekk issir ordni ta' 400 gaġġa.

41.17.3 Wara diskussjoni fil-Kumitat tal-Finanzi, ġie nnutat li din l-ispiża hija waħda konsiderevoli. Għaldaqstant, ġie propost li l-Kunsill jingħaqad ma' Kunsilli Lokali oħra li huma interessati li jixtru dawn il-gaġeġ, sabiex l-ispiża għal kull Kunsill tkun ferm anqas.

41.17.4 Is-Sindku ressaq din il-proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill, liema proposta ġiet issekondata mill-Kunsilliera Gloria Aquilina. Il-Kunsill approva din il-proposta b'mod unanimu.

41.18 Proposti għal Pjazza G.F. Abela, Triq l-Għabex, Triq il-Marsa u Triq Ħal Qormi

41.18.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti u r-ritratti relatati max-xogħlijiet ta' tisbiħ fiż-żoni msemmija**.**

41.18.2 Il-Kunsillier Dominic Spencer ressaq proposta sabiex il-ħadid orizzontali jiġi sostitwit b'ħadid vertikali. Huwa saħaq ukoll fuq l-importanza li, fir-rigward tal-proġett fi Triq Ħal Qormi, jintalab il-parir ta' Transport Malta sabiex jiġi żgurat li ma jinħoloq ebda ostaklu meta tieqaf il-karozza tal-linja.

41.18.3 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Scerri ssekonda din il-proposta, u l-Kunsill qabel li jimplimenta dawn il-proġetti.

41.19 Billboards għall-proġetti li ġejjin.

41.19.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jitwaħħlu tabelli informattivi li jindikaw il-proġetti u x-xogħlijiet li jkunu qed jitwettqu fil-ġonna.

41.19.2 Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li t-tabelli informattivi dwar ix-xogħlijiet jitwaħħlu ladarba tkun ġiet aġġudikata l-offerta għax-xogħlijiet rispettivi. Is-Sur Anthony Meilak ssekonda din il-proposta, li ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

41.20 Spejjeż tal-użu ta' spider lift fil-Knisja ta' Marija Reġina.

41.20.1 Dan l-item fuq l-aġenda ma ġiex diskuss, peress li s-Sindku informa lill-Kunsill li l-knisja kienet sabet benefattur li ħallas l-ispiża.

41.21 Tabelli dwar il-kamera fi Triq il-Marsa.

41.21.1 Is-Sindku ppropona li titwaħħal tabella li tindika direzzjoni waħda ("One Way") ħdejn il-kameras installati fi Triq il-Marsa.

41.22 Zebra crossing fi Triq il-Marsa – Aġġornament.

41.22.1 Is-Sindku ppropona li ssir zebra crossing fi Triq il-Marsa. Il-Kunsill qabel unanimament li titressaq applikazzjoni quddiem Transport Malta għal dan il-għan.

41.22.2 Il-Kunsillier Anthony Meilak ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ż-zebra crossing f'Xatt il-Mollijiet kienet għadha ma saritx.

41.23 Fond allokat għall-kura tal-annimali (stray cats)

41.23.1 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera Gloria Aquilina sabiex tagħti spjegazzjoni dwar dan l-item fuq l-aġenda.

41.23.2 l-Kunsilliera Gloria Aquilina pproponiet li tiġi allokata s-somma ta' €500 fis-sena għall-proġett relatat mal-qtates tat-triq, u li din l-allokazzjoni tkun inkluża fil-baġit annwali tal-Kunsill. Hija spjegat li ressqet din il-proposta peress li, fil-laqgħat preċedenti, ma kienx ġie ċċarat li din is-somma kellha tingħata kull sena.

41.23.3 Il-Kunsilliera informat ukoll lill-Kunsill li din il-proposta kienet ġiet approvata mill-Kumitat tal-Finanzi.

41.23.4 Is-Sindku ssekonda din il-proposta , il-Kunsill qabel unanimament.

41.24 Korrispondenza

41.24.1 Il-korrispondenza tqieset bħala moqrija u ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

41.25 Aġġornament

41.25.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fl-20:25 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru 2026, fil-17:30.

IFFIRMATA	IFFIRMATA
Luke Farrugia	Robert Buhagiar
Sindku	Aġent Segretarju Eżekuttiv